Misteru kbir tal-fidi

```
Rit:            G           C            G
     Radd il-ħajr lilek nagħtu, o Mulej,
           Em        A                D
     Li ssejħilna lkoll madwar l-artal,
                Am          D7              G    Em
     Biex nistqarru il-misteru kbir tal-fidi
             Am             D7              G
     Li jgħaqqadna f’ġisem wieħed ma’  xulxin.   x2

      G              D7                 G
Miġburin hawn f’riġlejk ilkoll qalb waħda,
          Em             Am                D
Biex infaħħruk b’ruħna safja u nagħtuk ġieħ,
          G           B              Em
Qlubna ferħana flimkien jgħollu leħinhom,
        C            A              Bm
Ħa jgħannulek mill-aktar għana ħlejju,
      Am     D7       G
Jgħannulek kull tifħir.             Rit:

Imxennqin u għatxana għal imħabbtek,
Għandek ġejna, ilqagħna niedma u safja,
Int il-Ħajja u fik biss it-tama tagħna,
Fik insibu l-mistrieħ u l-kenn tagħna,
Mir-rwiefen li jhedduna.            Rit:

Int Mulej tagħti sens lil ħajjitna
U ħdejna tkun, magħna timxi tul it-triq,
Il-kelma tiegħek hi għajn
Li tnixxi l-ħajja,
Ħejjejthielna biex biha lkoll nitrejqu,
Bħal aħwa magħqudin.                Rit:

Insebbħuk u nberkuk, o Alla tagħna,
Int ħanin u taħfrilna minn ħtijietna
Das-sagrifiċċju li sejrin noffrulek,
Flimkien m’Ibnek
Il-Vittma mingħajr tebgħa,
Jifdina u jqaddisna.                Rit:
```

G Em C D Am B A D7 Bm